

Brussell, 16 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12030/26

JAI 1016
MIGR 207
ASIM 43
RELEX 1039
FRONT 138
FIN 1091
COHAFA 68
ECOFIN 1024
CADREFIN 341

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 371 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL L-Għaxar Rapport Annwali dwar il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 371 final.

Mehmuż: COM(2026) 371 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2026
COM(2026) 371 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

L-Għaxar Rapport Annwali dwar il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija

Werrej

1. Introduzzjoni	1
1.1. It-Turkija u l-kriżi tar-refuġjati	1
1.2. Ir-rispons tal-UE għall-kriżi u l-istabbiliment tal-Faċilità	2
2. Il-funzjonament tal-Faċilità	3
3. Il-kapaċità finanzjarja, id-durata u n-natura tal-finanzjament	4
4. Implimentazzjoni tal-Faċilità	6
5. Monitoraġġ, evalwazzjoni u awditjar	15
6. Komunikazzjoni u viżibbiltà	16
7. Konklużjoni u l-passi li jmiss	17

1. Introduzzjoni

Skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500¹ (“id-Deċiżjoni”), il-Kummissjoni jeħtiġilha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija (“il-Faċilità”). Skont l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni jeħtiġilha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-ewwel rapport annwali dwar il-Faċilità ġie ppubblikat f’Marzu 2017². Ir-rapporti annwali kollha jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-Faċilità għar-Refuġjati. Dan l-għaxar rapport annwali huwa bbażat fuq data sa u inkluż Jannar 2026.

1.1. It-Turkija u l-kriżi tar-refuġjati

Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħha, it-Turkija hija pajjiż prominenti għall-akkoljenza u għat-tranżitu tar-refuġjati u tal-migranti. F’Jannar 2026, skont data pprovduta mill-gvern Tork, il-pajjiż ospita 2 339 543 Sirjan taħt protezzjoni temporanja u aktar minn 300 000 migrant irreġistrati, prinċipalment mill-Afganistan, mill-Iraq, mill-Iran u mis-Somalja^{3,4}. Dan kellu impatt sinifikanti fuq il-komunitajiet ospitanti. Il-preżenza fit-tul tar-refuġjati Sirjani u l-wasliet irregolari kontinwi mill-Afganistan fit-Turkija jirrappreżentaw sfida dejjem akbar għall-koeżjoni soċjali bejn ir-refuġjati, il-migranti u l-komunitajiet ospitanti. Wara l-waqgħa tar-reġim ta’ Assad f’Diċembru 2024, u skont id-data pprovduta mill-awtoritajiet Torok, aktar minn 600 000 Sirjan irritornaw lejn is-Sirja. L-UNHCR immonitorja r-ritorni volontarji mit-Turkija ta’ aktar minn 453 000 Sirjan mit-8 ta’ Diċembru 2024 (mit-30 ta’ Jannar 2026). Dan iġib l-għadd totali ta’ ritorni volontarji lejn is-Sirja mill-2016 għal madwar 1.3 miljun fi Frar 2026. L-UNHCR huwa preżenti fil-qsim tal-fruntieri u kien qed jimmonitorja r-ritorni volontarji permezz ta’ intervisti individwali. L-awtoritajiet Torok issottolinjaw li r-ritorni għandhom ikunu volontarji, sikuri, dinjitużi u ordnati.

Fuq ir-rotta tal-Lvant tal-Mediterran, id-detezzjonijiet ta’ qsim illegali tal-fruntieri komplew jonqsu b’mod ġenerali, li juri li l-kooperazzjoni tista’ tagħti riżultati, iżda r-riskji ma sparixxewx. Tul ir-rotta tal-Lvant tal-Mediterran, in-nazzjonalitajiet li ġew identifikati l-aktar ta’ spiss fl-2025 kienu l-Afgani (27 %), is-Sudaniżi (18 %), l-Eġizzjani (16 %), il-Bangladesh (7 %) u s-Sirjani (6 %). Il-qsim irregolari tal-fruntieri minn ċittadini Sirjani naqas drastikament (-88 %). Il-punti tat-tluq ewlenin tul ir-rotta kienu t-Turkija (62 %) u l-Libja (38 %). Fil-fruntieri marittimi esterni, ir-riskji u t-telf ta’ ħajjiet għadhom severi, b’networks tal-kriminalità

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500 tal-24 ta’ Novembru 2015 dwar il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri permezz ta’ mekkaniżmu ta’ koordinazzjoni – il-Faċilità għar-Refuġjati għat-Turkija.

² https://enlargement.ec.europa.eu/document/download/9dc8736f-c734-48be-8678-aca919a6a1bf_en.

³ <https://en.goc.gov.tr/irregular-migration>.

⁴ Karatteristika speċifika tas-sistema tal-ażil tat-Turkija hija marbuta mal-fatt li l-pajjiż iffirma l-Protokoll ta’ New York tal-1967 tal-Konvenzjoni ta’ Ġinevra tal-1951 b’riżerva. Għaldaqstant, il-maġġoranza l-kbira tar-refuġjati fit-Turkija ma jistgħux japplikaw għal status ta’ refuġjat sħiħ iżda biss għal status ta’ “Refuġjat Kondizzjonali”, li jekk jingħata, jillimita l-permanenza fil-pajjiż sal-mument li refuġjat rikonoxxut jiġi “risistemmat f’pajjiż terz”.

organizzata li spiss jisfruttaw individwi vulnerabbli billi jiffaċilitaw il-qsim irregolari f'bastimenti ffullati żżejjed u ta' standard inferjuri.

It-Turkija qiegħda tkompli tagħmel sforzi sinifikanti ħafna biex tospita u tindirizza l-ħtiġijiet tar-refuġjati u tal-migranti u tenniet l-impenn tagħha li timplimenta d-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016⁵ ("id-Dikjarazzjoni"). Id-Dikjarazzjoni kompliet tagħti riżultati konkreti fl-2025.

Skont l-iskema ta' risistemazzjoni "Wieħed għal Wieħed" stabbilita fid-Dikjarazzjoni, aktar minn 44 046 persuna ġew risistemati mit-Turkija lejn l-UE bejn April 2016 u Diċembru 2025. L-Istati Membri tal-UE ssospendew ir-risistemazzjoni mit-Turkija wara l-bidla tar-reġim fis-Sirja f'Diċembru 2024. L-għadd totali ta' persuni rritornati mill-gżejjer Griegi lejn it-Turkija taħt l-iskema "Wieħed għal Wieħed" mill-2016 huwa ta' 2 253. Peress li l-awtoritajiet Torok ma rrevokawx id-deċiżjoni tagħhom ta' Marzu 2020 li jissospendu l-operazzjonijiet ta' ritorn skont id-Dikjarazzjoni wara l-pandemija tal-COVID-19, minn dak iż-żmien 'l hawn ma saret l-ebda operazzjoni ta' ritorn, minkejja talbiet ripetuti mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet Griegi.

Il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2020 qabel li jniedi aġenda pożittiva bejn l-UE u t-Turkija. Ġew identifikati erba' oqsma prijoritarji: (i) it-titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Doganali u t-tnedija mill-ġdid tad-diskussjonijiet dwar il-modernizzazzjoni tagħha; (ii) il-migrazzjoni u l-appoġġ għar-refuġjati; (iii) djalogi ta' livell għoli; u (iv) il-kuntatti bejn il-persuni u l-mobbiltà. Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021 tenna li l-UE lesta tinteraġixxi mat-Turkija b'mod gradwali, proporzjonat u reversibbli biex tiżdied il-kooperazzjoni f'għadd ta' oqsma ta' interess komuni, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'Marzu 2021 u f'konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew. Il-Komunikazzjoni Konġunta tad-29 ta' Novembru 2023 irrispondiet għall-istedina mill-Kunsill Ewropew tad-29 u tat-30 ta' Ġunju 2023 lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw rapport dwar is-sitwazzjoni attwali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija. Hija ressqet diversi proposti biex jissaħħu r-relazzjonijiet, inkluż fil-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-appoġġ finanzjarju lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti. Saru żewġ djalogi ta' livell għoli bejn l-UE u t-Turkija dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà fi Brussell f'Novembru 2023 u f'Istanbul f'Lulju 2025.

1.2. Ir-rispons tal-UE għall-kriżi u l-istabbiliment tal-Faċilità

L-Unjoni Ewropea appoġġat lit-Turkija biex tospita aktar minn 3 miljun refuġjat, prinċipalment mis-Sirja, mill-2011. Bi tweġiba għas-sejħa mill-Istati Membri tal-UE għal finanzjament addizzjonali sinifikanti biex jiġu appoġġati r-refuġjati fit-Turkija, il-Kummissjoni stabbiliet il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2015, emendata fl-10 ta' Frar 2016 u fl-14 ta' Marzu u fl-24 ta' Lulju 2018. Il-Faċilità hija mekkaniżmu biex tiġi kkoordinata l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi magħmula disponibbli kemm taħt il-baġit tal-UE kif ukoll taħt kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri integrati

⁵ <http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/03/18-eu-turkey-statement/>.

fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat estern⁶. L-Istati Membri huma politikament impenjati li jipprovdu kontribuzzjonijiet nazzjonali bħala parti mill-Fehim Komuni bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea, adottat fit-3 ta' Frar 2016 u aġġornat fiż-żmien meta ntlaħaq qbil dwar it-tieni segment tal-Faċilità⁷. Il-Fehim Komuni stabbilixxa wkoll qafas ta' kundizzjonalità.

Fit-18 ta' Marzu 2016, il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-UE u tat-Turkija affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jimplimentaw il-Pjan ta' azzjoni konġunt tagħhom u qablu dwar aktar miżuri li għandhom l-għan li japprofondixxu r-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija u jindirizzaw il-kriżi tal-migrazzjoni⁸. It-Turkija u l-UE rrikonoxxew li kienu meħtieġa aktar sforzi rapidi u determinati. B'mod aktar speċifiku, id-Dikjarazzjoni UE-Turkija ffirmata fit-18 ta' Marzu 2016 appellat biex tintemm il-migrazzjoni irregolari mit-Turkija lejn l-UE billi jtkisser il-mudell kummerċjali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin u l-migranti jiġu offruti alternattiva milli jpoġġu haġġithom f'riskju u titħaffef l-implimentazzjoni tal-Faċilità.

Ġie allokati total ta' EUR 3 biljun għall-ewwel segment tal-Faċilità (2016–2017)⁹ u saru disponibbli EUR 3 biljun addizzjonali għat-tieni segment (2018–2019), biex b'hekk it-total tal-Faċilità tela' għal EUR 6 biljun, iffinanzjati b'mod ugwali permezz tal-baġit tal-UE u l-kontribuzzjonijiet bilaterali mill-Istati Membri. Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni kienet ikkuntrattat l-allokkazzjoni operazzjonali sħiħa tal-Faċilità, u sa tmiem l-2025 ġew żborżati kważi EUR 5.9 biljun.

2. Il-funzjonament tal-Faċilità

Il-Faċilità hija mekkaniżmu ta' koordinazzjoni li jippermetti l-mobilizzazzjoni rapida, effettiva u effiċjenti ta' għajjnuna tal-UE lir-refuġjati fit-Turkija, filwaqt li jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba. Il-Faċilità tiżgura l-aqwa mobilizzazzjoni ta' strumenti ta' finanzjament eżistenti fl-UE, bħala għajjnuna umanitarja u/jew bħala għajjnuna għall-iżvilupp, sabiex jiġi indirizzati l-ħtiġijiet tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti b'mod komprensiv u kkoordinat¹⁰.

⁶ Id-dħul estern skont l-Artikolu 21(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/966/oj>) għall-kontribuzzjonijiet fl-2016 u sal-1 ta' Awwissu 2018 u skont l-Artikolu 21(2), il-punt (a)(ii), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj>).

⁷ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11329-2018-INIT/en/pdf>.

⁸ <http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/03/18-eu-turkey-statement/>.

⁹ Dawn it-EUR 3 biljun saru disponibbli flimkien mal-EUR 345 miljun li l-Kummissjoni kienet diġà allokati lit-Turkija b'reazzjoni għall-kriżi tar-refuġjati Sirjani qabel il-bidu tal-Faċilità u kienu addizzjonali għall-għajjnuna bilaterali tal-Istati Membri.

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2015) 9500 tal-24.11.2015, l-Artikolu 2 — L-Għanijiet tal-Faċilità.

Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità jipprovdi gwida strateġika dwar il-prijoritajiet, it-tip ta' azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati, l-ammonti li għandhom jiġu allokat, l-istrumenti ta' finanzjament li għandhom jiġu mobilizzati u l-kundizzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-impenji tat-Turkija skont il-Pjan ta' azzjoni konġunt bejn l-UE u t-Turkija tad-29 ta' Novembru 2015 (il- "Pjan ta' azzjoni konġunt")¹¹.

Is-sostenibbiltà tal-proġetti tal-Faċilità u s-sjieda konġunta mill-awtoritajiet Torok jibqgħu jkunu importanti. L-importanza tas-sostenibbiltà u l-impatt ġew enfazzzati kemm fir-rakkomandazzjonijiet tat-tieni rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri minn April 2024 kif ukoll fir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni finali indipendenti tal-Faċilità minn Novembru 2025. L-oqsma ta' prijorità għall-assistenza ġew identifikati abbażi ta' valutazzjoni komprensiva u indipendenti tal-ħtiġijiet, li ġiet aġġornata fl-2018.

Il-Faċilità tikkordina l-finanzjament mill-istrumenti ta' finanzjament esterni li ġejjin¹²: (i) l-għajnuna umanitarja; (ii) l-Istrument Ewropew ta' Viċinat; (iii) l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI); (iv) l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA); u (v) l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi. Il-miżuri ffinanzjati mill-baġit tal-UE jitwettqu skont ir-regoli u r-regolamenti finanzjarji tagħha applikabbli kemm għall-ġestjoni diretta kif ukoll għal dik indiretta. L-implimentazzjoni tal-għajnuna hija bil-kundizzjoni li t-Turkija tkun f'konformità stretta mal-impenji tal-Pjan ta' azzjoni konġunt u tad-Dikjarazzjoni.

3. Il-kapaċità finanzjarja, id-durata u n-natura tal-finanzjament

Il-baġit totali kkoordinat mill-Faċilità huwa ta' EUR 6 biljun, u huwa mmobilizzat f'żewġ segmenti. Taħt it-tieni segment, l-implimentazzjoni ta' 11-il proġett tkompli wara l-estensjoni tagħhom minħabba l-COVID-19, it-terremoti ta' Frar 2023 u l-inflazzjoni persistentement għolja fit-Turkija. L-iżborż finali taħt sitt proġetti għadu pendenti, filwaqt li l-attivitajiet taħt ħames interventi għad iridu jitlestew.

L-ewwel segment ammonta għal EUR 3 biljun, li EUR 1 biljun minnhom ġie mmobilizzat mill-baġit tal-UE u EUR 2 biljun ġew ipprovduti f'kontribuzzjonijiet bilaterali mill-Istati Membri. It-tieni segment ammonta wkoll għal EUR 3 biljun, li minnhom il-baġit tal-UE pprova EUR 2 biljun u l-Istati Membri EUR 1 biljun¹³.

¹¹ Ara l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2015) 9500, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2016) 855.

¹² Il-kontribuzzjonijiet tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) ġew ittrasferiti u implimentati rispettivament taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Fond Fiduċjarju tal-UE. Fil-prinċipju, il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Faċilità għall-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana (mill-IPA u sa ċertu punt mid-DCI) ġew implimentati bħala assistenza mhux umanitarja.

¹³ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2018/06/29/facility-for-refugees-in-turkey-member-states-agree-details-of-additional-funding/>.

Fir-rigward tar-riżorsi tal-baġit tal-UE, mill-EUR 1 biljun mill-baġit tal-UE għall-2016-2017, EUR 250 miljun ġew mobilizzati fl-2016 u EUR 750 miljun fl-2017. Miż-EUR 2 biljun mill-baġit tal-UE għall-2018-2019, EUR 550 miljun ġew mobilizzati fl-2018, bil-bilanċ mobilizzat fl-2019.

Għall-ewwel segment, l-Istati Membri kkontribwew EUR 677 miljun għall-Faċilità fl-2016, EUR 847 miljun fl-2017, EUR 396 miljun fl-2018 u EUR 80 miljun fl-2019. Għat-tieni segment, l-Istati Membri kkontribwew EUR 68 miljun fl-2018, EUR 202 miljun fl-2019, EUR 265 miljun fl-2020, EUR 166 miljun fl-2021 u EUR 165 miljun fl-2022, bl-aħħar pagamenti li jammontaw għal EUR 134 miljun fl-2023. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri saru direttament lill-baġit tal-UE fil-forma ta' dħul assenjat estern u ġew assenjati għal-linji baġitarji tal-IPA u tal-ġajnuna umanitarja.

Inżammet korrispondenza sodisfaċenti bejn ir-rata tal-pagamenti mill-Istati Membri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom *lill*-Faċilità u r-rata ta' żborżi ffinanzjati minn dawk il-kontribuzzjonijiet *mill*-Faċilità.

Għajnuna addizzjonali tal-UE lir-refuġjati fit-Turkija, barra mill-qafas tal-Faċilità

Fl-2020, ġew allokat EUR 535 miljun addizzjonali biex jappoġġaw azzjonijiet umanitarji fit-Turkija barra mill-qafas tal-Faċilità, li ġiet ikkuntrattata u żborżata bis-sħiħ.

Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni mmobilizzat EUR 3 biljun oħra għar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti fit-Turkija għall-2021-2023 biex tiżgura l-kontinwità tal-appoġġ fl-oqsma ta' prijorità tal-assistenza umanitarja, il-ħtiġijiet bażiċi, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-kontroll tal-fruntieri. Parti sinifikanti minn dan il-finanzjament ġiet mobilizzata b'reazzjoni għat-terremoti tal-2023, b'total ta' EUR 355.6 miljun diretti lejn l-appoġġ soċjoekonomiku u l-infrastruttura.

Fi Frar 2024, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jalloka EUR 2 biljuni oħra għall-2024–2027 biex tinżamm kooperazzjoni effettiva dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE, inkluż appoġġ għar-refuġjati Sirjani fit-Turkija, bħala parti minn ftehim biex jiġi rivedut il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2021–2027.

Fil-Konferenza dwar is-Sirja ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni wegħdet EUR 1 biljun f'appoġġ għar-refuġjati u għall-komunitajiet ospitanti fit-Turkija. Dan l-ammont kien jinkludi EUR 520 miljun mill-baġit regolari għall-2024 biex jiġi żgurat li l-assistenza għar-refuġjati tkompli, u EUR 480 miljun forniti minn qabel mill-allokkazzjoni ta' EUR 2 biljun imsemmija hawn fuq, li jħalli madwar EUR 1.5 biljun għall-2025–2027. Il-pakkett ta' EUR 1 biljun kien jinkludi ħames miżuri li jiffukaw fuq: (i) l-edukazzjoni (EUR 80 miljun); (ii) il-ħtiġijiet bażiċi, il-kura tas-saħħa, is-servizzi muniċipali u l-koeżjoni soċjali (EUR 421 miljun); (iii) il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-kontroll tal-fruntieri (EUR 398 miljun); (iv) proviżjonament għall-involvement mill-ġdid mill-Bank Ewropew tal-Investiment li jiġġenera self potenzjali għal investiment relatat mar-refuġjati (EUR 75 miljun); u (v) għajnuna umanitarja (EUR 26 miljun).

Filwaqt li tibni fuq dan l-impenn, il-Kummissjoni ppjanat pakkett komprensiv ta' miżuri taħt il-baġit li jifdal għall-2025–2027. Sa tmiem l-2025, kien ġie allokati total ta' EUR 1.311 biljun u ġew adottati deċiżjonijiet ta' finanzjament korrispondenti. Minn dak l-ammont, EUR 1.151 biljun ġew impenjati taħt il-pakkett ta' appoġġ pluriennali għall-2025–2027 u jkopru l-ħtiġijiet essenzjali, inklużi l-ħtiġijiet bażiċi, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni (EUR 839 miljun); appoġġ għar-ritorni volontarji (EUR 150 miljun); u l-ġestjoni tal-fruntieri (EUR 161 miljun). Barra minn hekk, EUR 160 miljun ġew allokati separatament għall-kontinwazzjoni tal-appoġġ integrat għall-edukazzjoni taħt il-programm PIKTES (Promozzjoni tal-Integrazzjoni tat-Tfal Sirjani fis-Sistema Edukattiva Torka), u EUR 40 miljun għall-assistenza umanitarja. Bilanċ ta' EUR 195 miljun taħt il-baġit tal-2027 għad irid jiġi allokati fl-2026.


Il-finanzjament totali tal-UE allokati għall-għajnuna għar-refuġjati u għall-komunità ospitanti fit-Turkija mill-2011 jammonta għal EUR 12,4-il biljun. Dan jinkludi EUR 345 miljun f'assistenza għar-refuġjati mobilizzati bejn l-2011 u l-2016, EUR 6 biljun taħt il-Faċilità, EUR 535 miljun f'finanzjament tranżitorju fl-2020, EUR 3 biljun f'finanzjament addizzjonali fl-2021–2023, EUR 1 biljun fl-2024 u EUR 1.5 biljun addizzjonali ta' assistenza sa tmiem l-2027.

4. Implimentazzjoni tal-Faċilità

Il-Faċilità hija implimentata fil-forma ta' għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp. Taħt l-ewwel segment, ġew allokati kważi EUR 1,4 biljun għall-għajnuna umanitarja u EUR 1,6 biljun għall-għajnuna għall-iżvilupp. Minħabba n-natura dewwiema tal-kriżi tas-Sirja, l-interventi taħt it-tieni segment iffukaw dejjem aktar fuq l-attivitajiet ta' appoġġ soċjoekonomiku u l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' għajxien. Taħt it-tieni segment, kważi EUR 1.06 biljun ġew allokati għall-assistenza umanitarja u EUR 1.9 biljun għall-assistenza għall-iżvilupp¹⁴.

Għall-Faċilità b'mod ġenerali, it-tqassim tal-għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp f'Diċembru 2025 huwa kif ġej:

¹⁴ Il-bilanċ ta' EUR 60 miljun huwa allokati għall-appoġġ amministrattiv u operazzjonali pprovdut għall-implimentazzjoni tal-Faċilità.



Għad-dettalji kollha, ara t-tabella tal-proġetti online¹⁵.

L-ġhajjnuna pprovduta taħt il-Faċilità hija bbażata fuq il-proġetti. L-iżborżi jiddependu fuq il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-Faċilità. L-appoġġ għall-faċilità jinkludi assistenza kemm lir-refuġjati kif ukoll lill-komunitajiet ospitanti.

L-ġhajjnuna umanitarja taħt il-Faċilità għandha l-għan li tgħin lill-aktar refuġjati vulnerabbli billi tipprovdidi appoġġ dinjituż li jindirizza l-bżonnijiet bażiċi u l-protezzjoni¹⁶. Din tindirizza wkoll il-lakuni permezz ta' aġenziji speċjalizzati u sħab fl-oqsma prijoritarji tas-saħħa u tal-edukazzjoni. L-ġhoti tal-ġhajjnuna umanitarja tal-UE huwa ggwidat mill-Kunsens Ewropew dwar l-Ġhajjnuna Umanitarja tal-2007¹⁷, li jistipula li l-UE, bħala attur umanitarju, taderixxi mal-prinċipji umanitarji tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza, kif stabbiliti fl-Artikolu 214 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fir-Regolament dwar l-Ġhajjnuna Umanitarja (Nru 1257/96)^{18,19}.

Taħt il-fergħa umanitarja tal-Faċilità, ġew implimentati total ta' 65 proġett permezz ta' 21 sieħeb kemm taħt l-ewwel segment kif ukoll taħt it-tieni segment. Dawn il-proġetti jkopru r-rispons għall-bżonnijiet bażiċi, il-protezzjoni, l-edukazzjoni, u s-saħħa għall-aktar refuġjati vulnerabbli fit-Turkija. Kważi EUR 1.4 biljun f'assistenza umanitarja ġew allokatu u

¹⁵ https://neighbourhood-enlargement.ec.europa.eu/enlargement-policy/turkiye/eu-support-refugees-turkiye_en.

¹⁶ Total ta' EUR 352 miljun ġew allokatu għall-protezzjoni taħt il-Faċilità, primarjament permezz ta' ġhajjnuna umanitarja. L-attivitajiet kienu jinkludu r-reġistrazzjoni u l-verifika tar-refuġjati, it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-Preżidenza tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni tat-Turkija, u interventi ta' protezzjoni mmirati għal gruppi vulnerabbli. Il-protezzjoni ġiet integrata wkoll fil-bżonnijiet bażiċi, fis-saħħa u fl-edukazzjoni.

¹⁷ Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri.

¹⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-ġhajjnuna umanitarja.

¹⁹ L-ġhajjnuna umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq pjanijiet annwali ta' implimentazzjoni umanitarja speċifiċi għall-pajjiż. Il-qafas għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u s-sħab tagħha fil-qasam tal-ġhajjnuna umanitarja huwa stabbilit mill-ftehimiet qafas finanzjarji u amministrattivi tal-Kummissjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-ftehimiet qafas ta' sħubija ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi.

kkuntrattati u EUR 1.4 biljun ġew żborżati taħt l-ewwel segment, filwaqt li kważi EUR 1.06 biljun ġew ikkuntrattati u kważi EUR 1.05 biljun ġew żborżati taħt it-tieni segment.

L-għajnuna għall-iżvilupp tappoġġa l-ħtiġijiet fit-tul fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-iżvilupp soċjoekonomiku tar-refuġjati, b'mod partikolari f'termini ta' aċċess għas-servizzi pubbliċi u għall-opportunitajiet ta' għajxien, u tal-infrastruttura municipli. Din tiffoka wkoll fuq gruppi vulnerabbli u tinkludi aspett tal-ġeneru fl-interventi tagħha, eż. il-protezzjoni tan-nisa u l-bniet kontra l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru u t-titjib tal-aċċess għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva.

Taħt il-fergħa tal-iżvilupp tal-Faċilità, kompli jsir progress tajjeb fl-implimentazzjoni ta' 26 proġett ikkuntrattati taħt l-ewwel segment. Minn dawn il-proġetti, 15 ġew implimentati taħt il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana għal total ta' EUR 293 miljun, minbarra l-allokkazzjoni ġestita direttament permezz tal-IPA²⁰.

L-iżborżi lis-sħab ta' implimentazzjoni ammontaw għal EUR 3.4 biljun minn total ta' EUR 3.5 biljun allokati għall-assistenza għall-iżvilupp taħt iż-żewġ segmenti²¹. F'Diċembru 2025, EUR 1.6 biljun f'assistenza għall-iżvilupp kienu ġew allokati u kkuntrattati u EUR 1.6 biljun kienu ġew żborżati taħt l-ewwel segment, filwaqt li EUR 1.9 biljun kienu ġew ikkuntrattati u aktar minn EUR 1.8 biljun ġew żborżati taħt it-tieni segment.

Il-fergħa tal-iżvilupp tal-Faċilità tinkludi 11-il intervent li għadhom għaddejjin.

Fl-2025, l-implimentazzjoni tal-Faċilità kompliet tiġi affettwata minn inflazzjoni għolja ħafna fit-Turkija u sfidi relatati mar-rata tal-kambju.

Interventi tal-faċilità f'kull qasam ta' prijarità

Il-progress li sar f'kull qasam prijaritarju taħt iż-żewġ segmenti tal-Faċilità huwa rrapportat fir-rapporti ta' monitoraġġ tal-Faċilità²². Kien hemm kisbiet sinifikanti fl-oqsma prijaritari li ġejjin:

L-edukazzjoni

Total ta' EUR 2.51 biljun ġew allokati għall-appoġġ għall-edukazzjoni taħt il-Faċilità u appoġġ addizzjonali għar-refuġjati. Taħt il-fergħa umanitarja tal-Faċilità, ġew allokati aktar minn EUR 181 miljun għall-edukazzjoni.

It-Trasferiment Kondizzjonali ta' Flus għall-Edukazzjoni IV (CCTE IV) jappoġġa r-reġistrazzjoni fl-iskejjel u l-attenzenza tat-tfal refuġjati billi jipprovdi pagamenti ta' kull xahar

²⁰ Il-fondi mill-IPA taħt il-Faċilità huma ġestiti skont ir-regoli għall-azzjoni esterna li jinsabu fit-Titolu IV tat-Tieni Parti tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli ta' applikazzjoni tiegħu.

²¹ Din iċ-ċifra tinkludi wkoll l-iżborżi taħt proġetti implimentati mill-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana, iżda li għadhom ma ġewx iddebitati lill-baġit tal-UE.

²² https://enlargement.ec.europa.eu/enlargement-policy/turkiye/eu-support-refugees-turkiye_en.

lill-familji refuġjati bil-kundizzjoni li l-istudenti jattendu l-iskola regolarment. Fl-2025, il-programm CCTE IV appoġġa sa 540 292 tifel u tifla refuġjati vulnerabbli permezz ta' trasferimenti kundizzjonali ta' flus għall-edukazzjoni, bi skambju għal attendenza regolari fi skejjel pubbliċi. L-għadd kumulattiv ta' tfal li jibbenefikaw minn assistenza fi flus għall-edukazzjoni laħaq l-1 054 173. Total ta' 49 418 tifel u tifla refuġjati f'riskju bbenefikaw minn servizzi ta' protezzjoni permezz taċ-ċentri tas-servizzi soċjali tal-gvern Tork u taċ-ċentri komunitarji tan-Nofs Qamar l-Aħmar tat-Turkija. Saru total ta' 61 318 konsultazzjoni taħt il-programm CCTE IV.

F'Settembru 2025, il-livelli ta' assistenza fi flus kontanti reġġu ġew aġġustati (f'termini ta' lira Torka) biex jittaffa l-impatt negattiv tal-inflazzjoni għolja tal-prezzijiet. Madankollu, l-għadd ta' studenti li bbenefikaw mill-programm naqas bi ftit matul is-sena minħabba r-ritorni lejn is-Sirja, it-tbatija finanzjarja u l-applikazzjoni stretta tas-sistema ta' verifika bbażata fuq id-destinatarji mill-awtoritajiet Torok. Skont din is-sistema, il-familji taħt protezzjoni temporanja li bidlu r-residenza tagħhom mingħajr approvazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet (Direttorati Provinċjali tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni) iffaċċjaw sospensjoni tal-istatus tagħhom, li wasslet għall-esklużjoni tagħhom mill-programmi ta' assistenza soċjali.

L-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-programm ewlieni tal-Faċilità (il-Promozzjoni tal-Integrazzjoni tat-Tfal Sirjani fis-Sistema Edukattiva Torka II — PIKTES II) mill-Ministeru tal-Edukazzjoni Nazzjonali, b'baġit totali ta' EUR 400 miljun, intemmet f'Jannar 2023. Din ġiet segwita minn PIKTES+²³ b'baġit totali ta' EUR 300 miljun iffinanzjat taħt assistenza addizzjonali għar-refuġjati fit-Turkija, li ntemm f'Ottubru 2025. F'Jannar 2025, sabiex jitħallsu s-salarji tal-għalliema, PIKTES+ ġie ssupplimentat b'kuntratt ġdid ta' EUR 80 miljun, PIKTES+, Parti II. F'Settembru 2025, dan il-kuntratt ingħata l-isem ġdid ta' PIKTES IV u "miżjud" b'EUR 160 miljun, biex b'hekk il-valur totali tela' għal EUR 240 miljun. Fl-2026, dan ser jiżdied b'total ta' EUR 180 miljun oħra, u l-ammont totali ta' PIKTES IV ser ikun ta' EUR 420 miljun.

F'dan il-qasam prijoritarju, l-għan ġenerali tal-għajnuna għar-refuġjati tal-UE jkompli jkun l-integrazzjoni tat-tfal refuġjati kollha fis-sistema edukattiva formali Torka, ikkomplementata mill-ilħuq ta' tfal barra mill-iskola u l-ħolqien ta' perkorsi sikuri għall-apprendiment, kif ukoll it-titjib tal-eżiti tal-apprendiment. Għas-sena akkademika 2024–2025, 938 610 tifel u tifla refuġjati ġew irreġistrati fl-edukazzjoni formali fit-Turkija kollha. Dan xorta jħalli aktar minn 225 000 tifel u tifla barra mill-iskola, li jirrappreżenta lakuna persistenti fl-aċċess (il-Ministeru tal-Edukazzjoni Nazzjonali, 2025). L-iskala tar-reġistrazzjoni poġġiet ukoll pressjoni sinifikanti fuq is-sistema tal-edukazzjoni pubblika tat-Turkija, li kellha takkomoda lil dawn l-istudenti billi għamlet investimenti kbar fl-infrastruttura tal-edukazzjoni, fil-persunal tat-tagħlim u fis-servizzi ta' appoġġ.

L-għadd ta' studenti refuġjati u tal-komunità ospitanti li rċevew boroż ta' studju appoġġati mill-Faċilità biex jattendu edukazzjoni u taħriġ tekniċi u vokazzjonali jew istituzzjonijiet ta'

²³ Il-promozzjoni tal-Edukazzjoni Inklużiva għat-Tfal fis-Sistema Edukattiva Torka (PIKTES+).

edukazzjoni għolja laħaq it-72 331. Il-bieċa l-kbira ta' dawn l-istudenti kienu refuġjati u l-bilanċ bejn il-ġeneri nżamm. Bl-għajjn ta' proġetti li appoġġaw l-edukazzjoni għolja mill-bidu tal-Faċilità, 7 156 student tal-edukazzjoni għolja nġataw boroż ta' studju: 4 337 minnhom kienu Sirjani, 178 mhux Sirjani u 2 641 Torok.

Il-Faċilità kompliet tappoġġa wkoll l-iżvilupp tal-infrastruttura edukattiva u għenet biex jitnaqqas l-iffullar fl-iskejjel. Kien hemm progress sinifikanti fl-għadd ta' faċilitajiet edukattivi mtejbja u kkompletati. Kisba kbira fit-titjib kienet l-installazzjoni ta' 8 700 whiteboards interattivi fl-iskejjel primarji u sekondarji. Sal-lum, aktar minn 17 726 faċilità ġew imtejbja bl-appoġġ tal-Faċilità.

Barra minn hekk, taħt il-proġetti Edukazzjoni għal Kulħadd fi Żminijiet ta' Kriżi u Infrastruttura tal-Edukazzjoni għar-Reżiljenza, inbnew 214 skola u bdew is-servizzi tal-edukazzjoni. Il-pannelli solari fuq il-bjut installati fl-iskejjel jiġġeneraw enerġija għal 50 skola u tlestew miżuri għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika għal 41 skola.

Fl-2024, ġew iffirmati kuntratti biex jgħinu fil-bini mill-ġdid tal-infrastruttura tal-edukazzjoni fit-Turkija wara t-terremoti ta' Frar 2023. Dan il-finanzjament għandu l-għan li jżid l-aċċess għall-edukazzjoni kemm għar-refuġjati kif ukoll għall-komunitajiet ospitanti.

Protezzjoni

Ġie allokati total ta' EUR 392 miljun għall-appoġġ għall-protezzjoni taħt il-Faċilità u għall-appoġġ addizzjonali għar-refuġjati, prinċipalment permezz ta' proġetti taħt il-fergħa umanitarja.

Il-fergħa umanitarja tal-Faċilità appoġġat ir-reġistrazzjoni u l-verifika tar-refuġjati, u ppermettitilhom jirregolarizzaw l-istatus tagħhom fit-Turkija u għinithom jaċċessaw is-servizzi. Hija appoġġat l-isforzi ta' reġistrazzjoni tal-Presidenza tat-Turkija għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni (PMM) u saħħet il-kapaċità istituzzjonali u teknika tagħha. Minbarra l-interventi ta' protezzjoni awtonomi mmirati biex jimlew il-lakuni u jirrispondu għal ħtiġijiet speċifiċi u individwi f'riskju, il-protezzjoni ġiet integrata wkoll fil-pilastri l-oħra tal-istrategġija ta' rispons umanitarju (ħtiġijiet bażiċi, saħħa u edukazzjoni). L-għan ġenerali huwa li jiġu indirizzati aħjar il-vulnerabbiltajiet tar-refuġjati, li jiġi regolarizzat l-istatus tagħhom u li dawn jingħaqdu ma' network usa' ta' servizzi pubbliċi u tan-NU/NGOs. Matul il-perjodu ta' rapportar, l-assistenza baqgħet iffukata fuq l-aktar gruppi vulnerabbli (eż. ħaddiema migranti agrikoli staġjonali, gruppi ewlenin ta' refuġjati²⁴). Barra minn hekk, il-proġetti ffinanzjati permezz tal-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana kienu jinkludu assistenza liċ-ċentri

²⁴ Dawn jinkludu refuġjati li jgħixu fl-aktar provinċji affettwati mit-terremoti tal-2023, u gruppi vulnerabbli ta' refuġjati u migranti bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni (eż. unitajiet domestiċi mmexxja minn persuna waħda, persuni b'diżabilità, superstiti ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, LGBTIQ+), inklużi madwar 300 000 tifel u tifla barra mill-iskola.

komunitarji li jirċievu r-refuġjati u li jirreferu aktar lir-refuġjati vulnerabbli għal servizzi xierqa.

Is-saħħa

Ġie allokati total ta' EUR 1.24 biljun għall-appoġġ tal-kura tas-saħħa taħt il-Faċilità u appoġġ addizzjonali għar-refuġjati.

Il-Pilastru ewlieni tal-finanzjament tal-Faċilità huwa l-proġett SIHHAT li jappoġġa s-saħħa tal-migranti fit-Turkija. Il-proġett ġie ffinanzjat minn erba' allokazzjonijiet konsekuttivi: EUR 300 miljun fl-2016, EUR 210 miljun fl-2020, EUR 210 miljun fl-2023 u EUR 50 miljun fl-2024. SIHHAT jappoġġa lill-Ministeru tas-Saħħa Tork fl-isforzi tiegħu biex jipprovdi lir-refuġjati kollha b'aċċess liberu u ekwu għall-kura tas-saħħa. Total ta' 182 ċentru tas-saħħa tal-migranti kienu qed joperaw fi 32 provinċja u 3 500 membru tal-persunal tal-kura tas-saħħa, li aktar minn 76 % minnhom huma ta' oriġini Sirjana, kienu qed jaħdmu f'faċilitajiet appoġġati mill-UE. L-implimentazzjoni ta' SIHHAT III ser tkompli sa tmiem l-2026. SIHHAT III jiżgura li s-servizzi tal-kura tas-saħħa tar-refuġjati jkomplu, b'appoġġ addizzjonali tal-UE ta' EUR 190 miljun għall-2026 u l-2027.

Iż-żewġ sptarjiet iffinanzjati taħt il-Faċilità — Dörtyol/Hatay u Kilis — ilhom kompletament operattivi mill-2022 u pprovdu servizzi tal-kura tas-saħħa kruċjali wara t-terremoti tal-2023, meta l-kapaċità taż-żewġ sptarjiet żdiedet għal 400 sodda. Barra minn hekk, il-Faċilità tkompli tibni u tirrinova ċ-ċentri tas-saħħa tal-migranti, takkwista tagħmir mediku u kits tal-maternità u tirrinova l-unitajiet tal-fiżjoterapija u tar-riabilitazzjoni, bħala komplement għal SIHHAT. Fl-2025, bdiet il-kostruzzjoni ta' 26 ċentru tas-saħħa u nġhata tagħmir mediku b'valur ta' EUR 8.1 miljun għall-benefiċċju ta' 59 sptar.

F'termini ta' appoġġ umanitarju, għadha tingħata assistenza komprensiva u li ssalva l-ħajjiet lir-refuġjati vulnerabbli b'diżabilità f'Reyhanlı/Hatay u Gaziantep. Dan jinkludi servizzi diretti ta' riabilitazzjoni fiżika, appoġġ għas-saħħa mentali u psikosoċjali, kif ukoll il-forniment ta' prostetika, ortotiċi, u apparati oħra ta' assistenza.

Infrastruttura muniċipali

Total ta' EUR 509 miljun ġew allokati għall-appoġġ tal-infrastruttura muniċipali taħt il-Faċilità u appoġġ addizzjonali għar-refuġjati.

Il-Faċilità tappoġġa diversi muniċipalitajiet billi tipprovdi servizzi muniċipali essenzjali, inklużi l-provvista tal-ilma, is-sanità u l-immaniġġjar tal-iskart solidu. Tappoġġa wkoll l-infrastruttura lokali billi tipprovdi servizzi ta' rikreazzjoni. Fir-rigward tal-faċilitajiet rikreattivi, tlestew 23 faċilità (ċentri taż-żgħażaġħ, grawnds tal-futbol u tennis courts) u tmien kumplessi sportivi oħra huma ppjanati li jiġu offruti f'April 2026. Tlestiet il-kostruzzjoni ta' 13-il kuntratt ewlieni ta' infrastruttura għax-xogħlijiet tal-ilma u għall-iskart solidu (ġestiti mill-Bank Dinji) fil-provinċji ta' Adana, Konya, Kahramanmara, Kayseri u Osmaniye. Tliet

kuntratti oħra ta' xogħlijiet tal-ilma (ġestiti mill-Agence Française de Développement) tlestew f'Gaziantep u Şanlıurfa, filwaqt li għadha għaddejja l-implimentazzjoni ta' proġetti oħra f'Kilis, Şanlıurfa, Gaziantep, Mersin, Mardin, Adıyaman, Malatya u Hatay.

Bżonnijiet bażiċi u appoġġ soċjoekonomiku

Ġie allokati total ta' EUR 4.38 biljun għall-bżonnijiet bażiċi u l-appoġġ soċjoekonomiku taħt il-Faċilità u appoġġ addizzjonali għar-refuġjati.

L-interventi f'dan il-qasam prijoritarju għandhom l-għan li jgħinu biex jintlaħqu l-bżonnijiet bażiċi tal-aktar refuġjati vulnerabbli u jsaħħu r-reżiljenza u l-awtodipendenza tar-refuġjati. Dan għandu jippermetti tranżizzjoni gradwali mid-dipendenza fuq l-għajnuna soċjali għal aktar opportunitajiet ta' awtodipendenza u ta' għajxien.

Taħt l-assistenza għall-bżonnijiet bażiċi tal-Faċilità, aktar minn 2,6 miljun refuġjat irċevew appoġġ dirett li jippermettilhom jgħixu b'dinjità. Sa Lulju 2023, il-biċċa l-kbira tal-appoġġ kien ipprovdut permezz tax-xibka ta' sikurezza soċjali ta' emerġenza (ESSN, Emergency Social Safety Net), programm ta' għajnuna soċjali li jagħti għajnuna fi flus kull xahar permezz ta' sistema ta' kards ta' debitu lil aktar minn 1,6 miljun refuġjat benefiċjarju.

Taħt it-tieni segment tal-Faċilità, tlestiet l-implimentazzjoni ta' għotja diretta ta' EUR 245 miljun mill-Ministeru għall-Familja u s-Servizzi Soċjali. Din l-għotja ppermettiet l-għoti ta' appoġġ finanzjarju ta' kull xahar komparabbli mal-għajnuna soċjali pprovduta lil individwi vulnerabbli taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali Torka, jiġifieri l-ESSN komplementari (C-ESSN, Complementary Emergency Social Safety Net). Il-proġett sar b'mod parallel mal-ESSN u pprova appoġġ lill-unitajiet domestiċi ta' ġenituri waħedhom, persuni akbar fl-età u persuni b'diżabilità (inklużi diżabilitajiet severi). Fl-2024, il-kontinwità tal-programmi C-ESSN u ESSN ġiet żgurata mill-EUR 3 biljun f'appoġġ addizzjonali għar-refuġjati mobilizzati għall-2021–2023²⁵ barra mill-qafas tal-Faċilità. Iż-żewġ programmi minn dak iż-żmien 'l hawn ġew amalgamati f'kuntratt wieħed. F'Lulju 2023, dan il-programm ġdid ta' assistenza fi flus kontanti, ix-"xibka ta' sikurezza soċjali (SSN) għar-refuġjati fit-Turkija" (EUR 781 miljun), ġie ffirmat mal-Ministeru għall-Familja u s-Servizzi Soċjali. Dan l-intervent immarka t-tranżizzjoni tal-ESSN minn għajnuna umanitarja għal għajnuna għall-iżvilupp fit-tul. Il-programm attwali (SSN), li l-baġit tiegħu żdied għal EUR 906 miljun f'Novembru 2025, jgħin kważi miljun refuġjat jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom ta' kuljum. Ġie osservat tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' benefiċjarji bħala riżultat ta' ritorni volontarji u aġġornamenti għall-metodoloġija tal-immirar. Filwaqt li n-numru ta' każijiet SSN kien ta' madwar 1.4 miljun f'Jannar 2025, dan kien naqas għal 972 000 sa Diċembru 2025: tnaqqis ta' aktar minn 40 %.

²⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-4.11.2022 dwar il-finanzjament tal-miżura individwali għall-għoti ta' appoġġ fi flus kontanti lill-aktar refuġjati vulnerabbli fit-Turkija għall-2022 u l-2023 (C (2022) 7822) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-7.12.2022 dwar il-finanzjament tal-miżura individwali biex jitkompla l-appoġġ għall-ħtiġijiet bażiċi u t-tranżizzjoni lejn opportunitajiet ta' għajxien għar-refuġjati fit-Turkija fl-2022 (C (2022) 8887).

Għadu jingħata appoġġ soċjoekonomiku addizzjonali lir-refuġjati biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol. L-istrateġija tal-UE f'dan il-qasam ta' prijorità tkopri kemm innaħa tal-provvista kif ukoll dik tad-domanda tas-suq tax-xogħol. It-tipi ewlenin ta' appoġġ jinkludu l-edukazzjoni u t-taħriġ tekniċi u vokazzjonali, korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali għal żmien qasir inkluż taħriġ fuq il-post tax-xogħol, taħriġ fil-ħiliet personali, konsulenza dwar l-impjiegi u vokazzjonali u servizzi ta' appoġġ kif ukoll appoġġ għall-permessi tax-xogħol.

Madwar 85 000 parteċipant ġew irreġistrati f'kursijiet ta' taħriġ għall-iżvilupp tal-ħiliet vokazzjonali fuq terminu qasir, li 78 500 minnhom (nofshom nisa) lestew it-taħriġ. Barra minn hekk, inħolqu aktar minn 37 000 impjieg ġdid jew imtejjeb minn intrapriżi stabbiliti jew estiżi bl-appoġġ tal-UE²⁶.

It-tieni fergħa ewlenija tal-programm tiffoka fuq l-istabbiliment ta' negozji ġodda u l-espansjoni ta' dawk eżistenti permezz ta' appoġġ materjali u mhux materjali biex jittejjeb il-ħolqien formali tal-impjiegi. Il-proġetti dwar l-Appoġġ għall-Impjiegi u l-Appoġġ għat-Tranżizzjoni lejn is-Suq tax-Xogħol (ISDEP I u ISDEP II), implimentati f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Torka għall-Impjiegi (İŞKUR) u d-Direttorat Ġenerali tal-Forza tax-Xogħol Internazzjonali (DĠ ILF) tal-Ministeru tax-Xogħol u s-Sigurtà Soċjali, jiffukaw fuq iż-żieda fl-impjieg formali tar-refuġjati u tal-membri tal-komunitajiet ospitanti. ISDEP I tlesta b'suċċess fl-2024. Dan jipprovdi għotjiet lill-imprendituri, inkluż taħriġ fl-intraprenditorija, kif ukoll appoġġ materjali u mhux materjali kemm lir-refuġjati kif ukoll lill-komunitajiet ospitanti biex jinħolqu l-impjiegi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Industrija Żgħira u ta' Daqs Medju tat-Turkija (KOSGEB) u l-Bank tal-Iżvilupp u l-Investiment tat-Turkija (TKYB).

Il-proġetti tat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet tal-Intraprenditorija għall-Integrazzjoni Soċjoekonomika Sostenibbli (ENHANCER, Enhancement of Entrepreneurship Capacities for Sustainable Socio-Economic Integration) u l-Intraprenditorija Soċjali, it-Tisħiħ tal-Pożizzjoni u l-Koeżjoni fil-Komunitajiet tar-Refuġjati u Ospitanti fit-Turkija għandhom l-istess objettiv u jiġu implimentati f'kooperazzjoni mal-Ministeru għall-Industrija u t-Teknoloġija. Qegħdin isiru proġetti addizzjonali fl-oqsma tal-impjiegi agrikoli, tat-taħriġ vokazzjonali u tal-apprendistati. Fl-2024 ġew iffirmati aktar kuntratti ta' appoġġ soċjoekonomiku. Dawn jinkludu kuntratti li għandhom l-għan li jtejjbu l-għajxien sostenibbli u l-impjiegi formali għar-refuġjati u għall-komunitajiet ospitanti f'żoni milquta mit-terremoti ta' Frar 2023.

Ġestjoni tal-migrazzjoni

Ġie allokati total ta' EUR 1.19 biljun għall-appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni taħt il-Faċilità u appoġġ addizzjonali għar-refuġjati²⁷.

²⁶ Id-data ta' WB ISDEP II (IPA/2020/417–830) hija eskluża minħabba kwistjonijiet ta' ineżattezza tad-data li SUMAR ttipprova tindirizza.

²⁷ Dan jinkludi l-EUR 150 miljun allokati taħt l-istrumenti HOME.

Żewġ proġetti ffinanzjati taħt l-ewwel segment għal total ta' EUR 80 miljun tlestew. L-ewwel proġett ipprova appoġġ mill-UE biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' tiftix u salvataġġ tal-gwardja tal-kosta Torka, u t-tieni kellu l-għan li jappoġġa lill-Presidenza tat-Turkija tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni fil-ġestjoni tagħha tar-ritorni mill-UE.

Fl-2024, tliet proġetti li jammontaw għal EUR 30 miljun taħt appoġġ addizzjonali għar-refuġjati komplew jiġu implimentati sabiex: (i) issaħħu l-kapaċità tal-Presidenza tat-Turkija għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni biex tiġġieled il-migrazzjoni irregolari; (ii) tittejjeb il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-aġenziji tal-ġestjoni tal-fruntieri fl-ajruporti; u (iii) jkomplu jipprovdu appoġġ operazzjonali għall-ġestjoni taċ-ċentri ta' tneħħija.

Kuntratt ta' EUR 220 miljun għall-proġett "Tisħiħ tal-fruntieri tal-Lvant u tax-Xlokk tat-Turkija, inklużi l-punti ta' qsim tal-fruntieri tal-art" (SAFE) iffirmit f'Diċembru 2023 ilu jiġi implimentat mill-2024. Għandu l-għan li jkompli jsaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri fil-fruntieri tal-Lvant u tax-Xlokk tat-Turkija billi jinstalla tagħmir modern ta' komunikazzjoni u sorveljanza u ta' tagħmir ta' dawl intelliġenti.

L-EUR 398 miljun allokat taħt appoġġ addizzjonali lir-refuġjati fid-deċiżjoni ta' finanzjament tal-2024 biex tiġi appoġġata l-kapaċità tat-Turkija għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri jiffukaw fuq: (i) ir-ritorni volontarji lejn il-pajjiżi ta' oriġini; (ii) it-tisħiħ tal-proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali u temporanja; (iii) il-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti; (iv) is-sigurtà tal-fruntieri tal-art u tal-baħar; (v) il-migrazzjoni regolari; u (vi) żieda ta' EUR 50 miljun allokata għal SAFE. L-EUR 398 miljun kollha ġew ikkuntrattati fl-2025.

Dan kien jinkludi proġett ta' EUR 95 miljun li jsaħħaħ il-mekkaniżmi nazzjonali għal ritorni volontarji, sikuri, dinjitużi u ordnati lejn is-Sirja, imniedi f'Awwissu 2025. Implimentat mill-UNHCR, il-proġett: (i) iżid il-kapaċitajiet tal-PMM biex jipproċessa każijiet ta' ritorn volontarju f'konformità mal-istandards internazzjonali; (ii) jespandi l-monitoraġġ indipendenti tar-ritorni tal-UNHCR; u (iii) jipprovdi assistenza ta' darba għat-trasport lis-Sirjani li applikaw għal ritorn volontarju (madwar 190 000 individwu fuq tliet snin, sa Awwissu 2028). F'Diċembru 2025, 16 752 persuna rimpatrijata kienu rċewew assistenza fi flus kontanti għat-trasport taħt il-proġett.

Barra minn hekk, deċiżjoni ta' finanzjament meħuda fl-2025 ser tipprovdi: (i) l-ewwel żieda (EUR 150 miljun) tal-intervent pilota biex jiġu ffaċilitati r-ritorni sikuri, ordnati, volontarji u dinjitużi tar-rifuġjati Sirjani; u (ii) it-tieni żieda (EUR 161 miljun) ta' SAFE biex titlesta l-installazzjoni tas-sistemi kollha ta' sorveljanza tul il-fruntieri tat-Turkija kemm mal-Iran kif ukoll mal-Iraq. Il-proġett SAFE huwa skedat li jitlesta sa tmiem l-2028 u għandu baġit totali ta' EUR 431 miljun b'din iż-żieda l-aktar reċenti.

Aspetti relatati mal-ġeneru fil-proġetti taħt il-Faċilità

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri III "Flimkien lejn dinja b'ugwaljanza bejn il-ġeneri 2021-2025" ikompli jiggwida l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taħt il-Faċilità. Il-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem għan-nisa u għall-bniet fid-diversità kollha tagħhom, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet baqgħu prijoritajiet fl-2025. Il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-ġeneru ġew integrati fil-proġetti kollha tal-Faċilità u ġew immonitorjati kontinwament permezz ta' data diżaggregata (76 indikatur).

Il-Faċilità tat spinta sinifikanti lill-impjegabbiltà tan-nisa, b'aktar minn 39 000 li lestew taħriġ fil-ħiliet vokazzjonali fuq terminu qasir, madwar 68 000 li bbenefikaw minn servizzi ta' konsulenza dwar l-impjegi u aktar minn 4 000 negozju li huma proprjetà tan-nisa li rċevew appoġġ konsultattiv jew finanzjarju. Il-Faċilità pprovdiet korsijiet tal-lingwa Torka lil nisa refuġjati, b'madwar 37 000 mara refuġjata adulta jlestuhom. Barra minn hekk, madwar 55 000 refuġjati bniet attendew l-edukazzjoni preprimarja li saret disponibbli permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-Faċilità, b' 38 000 studenti bniet jirċievu boroż ta' studju edukattivi. Aktar minn żewġ terzi tal-għalliema u tal-persunal edukattiv ingaġġati mill-Faċilità huma nisa. Il-programm ta' trasferiment ta' flus (SSN) bħalissa huwa ta' beneficiċċju għal 700 000 mara refuġjata. Barra minn hekk, il-familji ta' 200 000 studenta bħalissa jirċievu flus kondizzjonali għal appoġġ għall-edukazzjoni (CCTE - conditional cash for education). Madwar 700 000 mara refuġjata rċevew servizzi ta' riferiment ta' protezzjoni separati minn programmi ta' trasferiment ta' flus, filwaqt li madwar miljun mara refuġjata bbenefikaw minn servizzi ta' protezzjoni permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-Faċilità.

5. Monitoraġġ, evalwazzjoni u awditjar

Fl-2025, ir-rapportar dwar il-kisbiet tal-Faċilità kompli jkun ibbażat fuq il-Qafas tar-Riżultati tal-Faċilità²⁸ u t-Teorija tal-Bidla²⁹. L-14-il rapport ta' monitoraġġ tal-Faċilità ġie ppubblikat f'Jannar 2026 u jista' jiġi aċċessat fuq is-sit web tal-Kummissjoni³⁰.

Fi tmiem l-2024, il-Kummissjoni ffirmat kuntratt ġdid (SUMAR) biex tiżgura l-kontinwazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ u ġestjoni tad-data tal-Faċilità kif stabbilita taħt l-ewwel kuntratt ta' assistenza teknika (SUMAF)³¹. Il-kuntratt oriġinali ta' SUMAF³² intemm f'Diċembru 2024; huwa rrapporta total ta' 127 missjoni ta' monitoraġġ imwettqa (li jkopru erba' missjonijiet ad hoc), filwaqt li 20 missjoni tlestew fl-2025 taħt il-kuntratt il-ġdid SUMAR. Ir-riżultati kollha ġew ipprovduti fil-ħin u ta' kwalità tajba minn SUMAR fl-ewwel sena tal-kuntratt. Matul l-

²⁸ https://neighbourhood-enlargement.ec.europa.eu/document/download/23babb53-e316-4361-b373-78f0ce1d663e_en?filename=EU%20support%20to%20Refugees%20in%20TR_Results%20Framework.pdf.

²⁹ https://neighbourhood-enlargement.ec.europa.eu/document/download/99c1bfa3-1853-42ff-ae3b-59622f7bdab1_en?filename=EU%20support%20to%20refugees%20in%20TR_Theory%20of%20Change%202024.pdf.

³⁰ https://enlargement.ec.europa.eu/enlargement-policy/turkiye/eu-support-refugees-turkiye_en.

³¹ Assistenza teknika għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-appoġġ tal-UE lir-refuġjati fit-Turkija — IPA/2024/461–735.

³² Assistenza teknika għall-appoġġ tal-monitoraġġ ta' azzjonijiet iffinanzjati taħt il-faċilità għar-refuġjati fit-Turkija — IPA/2021/429–105 (Addendum VI għall-Kuntratt IPA/2018/393–877).

2025, id-Delegazzjoni tal-UE għat-Turkija u s-SUMAR wettqu total ta' seba' żjarat ta' monitoraġġ f'ċentri ta' tneħħija fl-ambitu tal-għotja operazzjonali lill-PMM³³.

F'April 2024, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ħarġet it-tieni awditu tal-prestazzjoni tagħha tal-Faċilità. Ir-rapport tal-awditjar, inklużi s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u t-tweġibiet tal-Kummissjoni, ġie ppubblikat fl-24 ta' April 2024 u huwa disponibbli online³⁴. Rakkomandazzjoni ewlenija li saret mill-Qorti kienet li l-Kummissjoni ttejjeb il-mod kif jitkejjel l-impatt tal-proġetti tal-Faċilità u tibda tiddiskuti mal-Istati Membri u mal-awtoritajiet Torok kif tiżgura li l-proġetti jibqgħu sostenibbli.

F'Settembru/Ottubru 2025, bl-appoġġ tas-servizzi tas-SUMAR, twettaq studju provinċjali ta' valutazzjoni tal-effettività permezz ta' 38 diskussjoni fi grupp fokali (FGDs) u 25 intervista ma' informaturi ewlenin (KIIs) f'diversi provinċji sabiex jitkejlu l-eżiti tal-Faċilità. Id-delegazzjoni talbet id-data mill-proġetti PIKTES preċedenti u qed torganizza wkoll diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Edukazzjoni Nazzjonali dwar kif tista' tittejjeb is-sistema tad-data tal-proġett PIKTES li għaddejj bħalissa. L-aċċess tar-refuġjati għas-servizzi bażiċi huwa sostnut billi jiżdiedu l-kuntratti ta' għotjiet diretti mal-ministeri kompetenti rilevanti.

Fl-2024, il-Kummissjoni kkuntrattat evalwazzjoni finali indipendenti tal-Faċilità, li tlestiet fi tmiem l-2025. L-evalwazzjoni vvalutat l-effettività, ir-rilevanza, il-koerenza u s-sostenibbiltà tal-Faċilità, b'enfasi partikolari fuq it-tieni segment. Ir-rapport³⁵ jipprovdi rakkomandazzjonijiet siewja għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-assistenza tal-UE għar-refuġjati fit-Turkija u bnadi oħra.

L-evalwazzjoni tikkonkludi li l-Faċilità tat rispons komprensiv u kkoordinat tajjeb tal-UE, li kisbet riżultati sinifikanti għar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti fis-setturi prijoritarji kollha, b'mod partikolari fil-protezzjoni, il-ħtiġijiet bażiċi, l-edukazzjoni u s-saħħa. Tenfasizza wkoll il-flessibbiltà tal-Faċilità fl-adattament għal kriżi mtawla u li qed tevolvi. Fl-istess ħin, l-evalwazzjoni tindika sfidi fl-iżgurar tas-sostenibbiltà tar-riżultati, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġenarazzjoni u l-inklużjoni soċjoekonomika fit-tul, kif ukoll il-ħtieġa li tissaħħaħ aktar is-sostenibbiltà tal-interventi u s-sensibilizzazzjoni għall-gruppi l-aktar vulnerabbli.

6. Komunikazzjoni u viżibbiltà

Fl-2025, l-attivitajiet komplewi iżidu l-viżibbiltà tal-azzjonijiet tal-Faċilità u jgħollu l-profil tal-UE biex tgħin lit-Turkija biex tospita l-popolazzjoni tar-refuġjati. Fl-isfond ta' retorika uffiċjali negattiva sostnuta u sentiment pubbliku lejn ir-refuġjati matul dan il-perjodu, l-attivitajiet iffukaw fuq l-assistenza tal-UE lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti wara t-terremoti ta' Frar 2023. Eżempji jinkludu dawn li ġejjin:

³³ Id-delegazzjoni tal-UE fit-Turkija żaret iċ-Ċentru għat-Tneħħija ta' Adana f'Marzu 2025 u iċ-Ċentru għat-Tneħħija ta' Aydın f'Settembru 2025. Is-sejbiet tagħha ġew kondiviżi mal-awtoritajiet Torok.

³⁴ https://www.eca.europa.eu/ECAPublications/SR-2024-06/SR-n-06_EN.pdf.

³⁵ https://enlargement.ec.europa.eu/final-evaluation-facility-refugees-turkey_en.

F'Jannar 2025 ġew organizzati żjarat mill-Kummissarju tal-UE għall-Ugwaljanza, il-Preparatezza u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet, Hadja Lahbib, għal proġetti relatati mal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija (FRiT) f'Ankara, kif ukoll għar-reġjun milqut mit-terremot.

F'April 2025 ġie organizzat vjaġġ għall-istampa f'Varsavja li involva ġurnalisti prominenti Torok f'kooperazzjoni mal-Ambaxxata tal-Polonja f'Ankara matul il-Presidenza Pollakka. Il-vjaġġ kien jinkludi diskussjonijiet dwar il-migrazzjoni u żjara fil-kwartieri ġenerali tal-Frontex.

F'Mejju 2025 ġew organizzati sensiela ta' attivitajiet f'Gaziantep biex jiġi ċċelebrat Jum l-Ewropa, inkluż riċeviment fil-Mużew ta' Zeugma u l-ħolqien ta' tpinġija minn artist Tork biex tiġi enfasizzata l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u t-Turkija. Dan kien segwit minn serje oħra ta' avvenimenti fi Brussell: l-istejjer ta' suċċess, ir-ritratti u l-filmati prodotti mid-Delegazzjoni dehru f'wirja pubblika quddiem il-bini tal-Parlament Ewropew. Il-wirja damet għaddejja sal-20 ta' Ġunju, il-Jum Dinji tar-Refuġjati. Ġie organizzat vjaġġ għall-istampa bejn it-18 u l-20 ta' Ġunju, u sar riċeviment li għalih attendew il-Kap tad-Delegazzjoni u r-rappreżentanti Torok.

Fl-okkażjoni tal-avveniment ta' tnedija li sar fil-Mużew Erimtan fil-11 ta' Lulju, ġie ppubblikat ukoll ktieb li fih stejjer ta' suċċess.

7. Konklużjoni u l-passi li jmiss

Il-Faċilità kompliet tiġi implimentata fl-2025. Il-baġit operazzjonali sħiħ tal-Faċilità ġie kkuntrattat sa tmiem l-2020, u sa tmiem l-2025 kien ġie żborżat total ta' EUR 5.9 biljun. Total ta' 11-il proġett se jkomplu jiġu implimentati sal-2029. L-għajnuna addizzjonali għar-refuġjati allokata għall-2025-2027 qed tkompli tkun implimentata u għandha l-għan li tiżgura s-sostenibbiltà tal-bosta kisbiet tal-Faċilità.

Il-passi li jmiss jinkludu:

- *it-tkomplija tal-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti kollha għall-benefiċċju tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba;*
- *it-tkomplija tal-introduzzjoni ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati mar-refuġjati;*
- *l-ipprogrammar ta' EUR 195 miljun f'appoġġ addizzjonali lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti taħt il-baġit tal-2027 biex jiġi żgurat li l-kisbiet tal-Faċilità jibqgħu sostenibbli;*
- *it-tkomplija tal-monitoraġġ tal-ħtiġijiet tar-refuġjati fit-Turkija.*